



Brussell, 24 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9566/19

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0203(COD)
2018/0204(COD)

JUSTCIV 128
EJUSTICE 84
COMER 76
CODEC 1130

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9460/19
Nru dok. Cion:	9622/18, 9620/18
Suġġett:	Diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qradi tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali - Dibattitu ta' orjentazzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni adottat il-proposti għal reviżjoni msemmija hawn fuq¹ fil-31 ta' Mejju 2018, u ressqithom lill-Kunsill u lill-Parlament. Il-bażi ġuridika tagħhom hija l-Artikolu 81 (Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u huma soġġetti għall-proċedura legiſlattiva ordinarja. Iż-żewġ proposti huma akkumpanjati minn Valutazzjoni tal-Impatt² (IA).
2. Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 dwar in-Notifika ta' Dokumenti stabbilixxa proċedura ta' trasmissjoni rapida, sikura u standardizzata għal dokumenti fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali bejn il-qradi u partijiet oħra li jinsabu fi Stati Membri differenti. Wieħed mill-oġettivi ewlenin tal-proposta għal reviżjoni tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti huwa l-adattament tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u l-flussi tax-xogħol tat-trasmissjoni fir-Regolament eżistenti għall-iżviluppi tekniċi li tipprovdi d-diġitalizzazzjoni. B'dan il-mod, l-effiċjenza tan-notifika ta' dokumenti għandha titjieb billi tiġi promossa trasmissjoni u notifika elettronika ta' dokumenti li tkun sikura u aktar rapida.

¹ 9620/18; 9622/18.

² 9620/18 ADD1 + ADD2; 9622/18 ADD1 + ADD2.

3. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-Kumpilazzjoni ta' Xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali huwa strument importanti ieħor għall-kooperazzjoni ġudizzjarja Ewropea. L-għan ta' dan l-istrument huwa li jipprovdi qafas għall-assistenza ġudizzjarja transfruntiera bejn l-Istati Membri f'materji ċivili u kummerċjali billi jiffaċilita l-ġbir ta' evidenza bejn il-fruntieri. Il-proposta għal reviżjoni tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda għandha l-għan li tistabbilixxi sistema mifruxa fl-UE kollha għat-trasmissjoni diretta, sigura u rapida ta' talbiet għall-kumpilazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' xhieda billi jiġu sfruttati l-vantaġġi tad-diġitalizzazzjoni.
4. Għalhekk, l-oġjettiv komuni ewlieni taż-żewġ proposti għal reviżjoni, minbarra xi punti oħra ta' titjib³, huwa li jindirizza l-ħtieġa ta' modernizzazzjoni, b'mod partikolari permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-użu tat-teknoloġija tal-IT, ta' skambji transfruntiera bejn il-qrati, l-awtoritajiet u l-aġenziji fir-rigward tal-kumpilazzjoni ta' xhieda u n-notifika ta' dokumenti, filwaqt li jissaħħu s-salvagwardji proċedurali. Il-proposti tal-Kummissjoni jitolbu l-istabbiliment ta' sistema tal-IT deċentralizzata obbligatorja għal dak il-għan. F'dan ir-rigward, jirriflettu l-prinċipji ġenerali stipulati fl-Istrateġija dwar il-Ġustizzja Elettronika Ewropea 2014-2018, adottata mill-Kunsill f'Diċembru 2013⁴.

³ Inkluż il-promozzjoni tal-użu tal-kumpilazzjoni diretta ta' xhieda permezz ta' vidjokonferenza, li huwa wkoll marbut mad-diġitalizzazzjoni.

⁴ Ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fil-21 ta' Diċembru 2013 (2013/C 376/06).

5. Fit-13 ta' Frar 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta għal Notifika ta' Dokumenti, b'64 emenda għall-proposta tal-Kummissjoni, b'563 vot favur, 27 vot kontra u 9 astensjonijiet, u, il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta għal Kumpilazzjoni ta' Xhieda b'37 emenda għall-proposta tal-Kummissjoni b'554 vot favur, 26 vot kontra u 9 astensjonijiet. Fil-pożizzjonijiet tiegħu, il-PE huwa tal-fehma li d-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni gudidzjarja fil-kuntest taż-żewġ proposti jenħtieġ li titwettaq permezz ta' sistema tal-IT deċentralizzata li tinkludi sistemi tal-IT nazzjonali interkonnessi permezz ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni li tippermetti l-iskambju transfruntier sikur u affidabbli ta' informazzjoni f'ħin reali bejn is-sistemi nazzjonali tal-IT. Din is-sistema tal-IT deċentralizzata jenħtieġ li tkun ibbażata fuq is-sistema e-CODEX⁵ u tiġi ġestita mill-eu-LISA⁶.
6. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu⁷ dwar dawn il-proposti fis-17 ta' Ottubru 2018. Il-KESE sab li ż-żewġ proposti huma konformi mal-istrateġija tas-suq diġitali fir-rigward tal-gvern elettroniku, speċjalment fir-rigward tal-ħtieġa li jittieħdu passi biex tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika u tinkiseb l-interoperabbiltà transfruntiera.
7. Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) għat-Trattati dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, l-Irlanda ddeċidiet li tipparteċipa fiż-żewġ proposti u r-Renju Unit iddeċieda li jipparteċipa fil-proposta dwar in-Notifika ta' Dokumenti. Ir-Renju Unit ma għamilx użu mill-possibbiltà stipulata fl-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) biex jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-proposta dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda. Fl-applikazzjoni tal-Protokoll (Nru 22) għat-Trattati dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni tal-miżuri proposti.

⁵ Ġustizzja Elettronika permezz tal-Iskambju ta' Data Online.

⁶ L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

⁷ 14013/18.

II. DIĠITALIZZAZZJONI TAL-KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA

a) Il-Proposti tal-Kummissjoni

8. Il-Kummissjoni tipproponi d-disponibbiltà obbligatorja u (ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali) l-użu ta' sistema tal-IT deċentralizzata fil-kuntest taż-żewġ proposti ta' reviżjoni. Il-ġustifikazzjoni għal dan hija doppja. Minn naħa, l-użu obbligatorju jġib valur miżjud permezz ta' trasmissjoni aktar mgħaġġla ta' talbiet u proċedimenti transfruntiera li huma inqas għaljin (għalkemm dan iwassal għal spejjeż inizjali fir-rigward tat-twaqqif ta' sistemi nazzjonali). Min-naħa l-oħra, approċċ deċentralizzat jirrispetta s-sistemi tal-IT nazzjonali eżistenti, jillimita l-impatt fuq soluzzjonijiet tal-IT nazzjonali u jipprovdi opportunitajiet għal integrazzjoni teknika aktar mill-qrib. Il-proposti tal-Kummissjoni ma jsemmux b'mod espliċitu l-isem ta' soluzzjoni ta' software speċifika u jħallu dik l-ispeċifikazzjoni teknika għall-atti ta' implimentazzjoni. Madankollu, fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt tal-Kummissjoni li jakkumpanjaw iż-żewġ proposti, e-CODEX titqies bħala l-aktar sistema tal-IT xierqa u l-unika waħda li hija faċilment disponibbli. L-iżvilupp ta' sistema deċentralizzata oħra jkun ifisser li l-istess sfidi diġà indirizzati fil-kuntest tal-iżvilupp ta' e-CODEX jerġgħu jiġu indirizzati mill-ġdid.

b) Sitwazzjoni attwali fil-Kunsill

9. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Notifika ta' Dokumenti/Kumpilazzjoni ta' Xhieda) eżamina b'mod regolari ż-żewġ proposti ta' reviżjoni minn mindu rċevihom mill-Kummissjoni fl-2018. Matul in-negozjati fil-livell tekniku, id-diġitalizzazzjoni kienet waħda mill-aspetti l-aktar diskussi.

10. Filwaqt li jidher li hemm qbil wiesa' ħafna dwar il-ħtieġa li tiġi mmodernizzata l-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-livell tal-UE f'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Istrateġija dwar il-Ġustizzja Elettronika Ewropea 2014-2018, adottata mill-Kunsill f'Diċembru 2013⁸, id-diskussjonijiet fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill urew xi fehmiet diverġenti fir-rigward tal-aspetti li ġejjin:
- i) l-użu obligatorju kontra l-użu mhux obligatorju ta' sistema tal-IT;
 - ii) sistema tal-IT ċentralizzata kontra waħda deċentralizzata;
 - iii) l-użu ta' soluzzjoni tal-IT eżistenti kontra l-istabbiliment ta' soluzzjoni ġdida;
 - iv) l-ispejjeż assoċjati mat-twaqqif u l-użu ta' sistema tal-IT.
11. Fir-rigward tad-disponibbiltà u l-użu obligatorju jew mhux obligatorju ta' sistema tal-IT, il-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet jidhru maqsuma. Ġie rrakkomandat approċċ mhux obligatorju sabiex tiġi pprovduta l-flessibbiltà meħtieġa għall-Istati Membri, biex ikunu jistgħu jadattaw u jiżviluppaw id-diġitalizzazzjoni tal-ġudikatura skont ir-ritmu tagħhom. Madankollu, l-użu ta' sistema tal-IT għall-fini ta' skambji ma' Stati Membri oħra fil-kuntest tan-notifika ta' dokumenti u l-kompilazzjoni ta' xhieda ma jippresupponix diġitalizzazzjoni ġenerali tal-ġudikatura fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, l-użu volontarju jista' ma jipprovdix ingranaġġ u inċentivi suffiċjenti għall-modernizzazzjoni aktar malajr tal-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera. Filwaqt li l-komunikazzjoni elettronika diġà hija possibbli f'kuntesti oħra (pereżempju l-proċedura tal-Ordni ta' Ħlas Ewropea), l-esperjenza wriet li dan il-mezz rari jintuża fuq bażi volontarja. Approċċ mandatorju jista' jegħleb ir-riluttanza fl-użu ta' soluzzjonijiet diġitali fi proċedimenti transfruntiera. Ċerti delegazzjonijiet mexxew l-idea li jista' jittieħed approċċ differenti fir-rigward taż-żewġ proposti għal reviżjoni, filwaqt li jitqies, pereżempju, li l-użu ta' sistema tal-IT obligatorja jista' jkun ġustifikat għan-Notifika ta' Dokumenti, u mhux neċessarjament għall-Kompilazzjoni ta' Xhieda. Madankollu, dan l-approċċ differenzjat għadu ma ġiex analizzat fir-rigward tal-ġustifikazzjoni u l-implikazzjonijiet tiegħu għall-aspetti l-oħra taż-żewġ proposti għal reviżjoni.

⁸ Ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fil-21 ta' Diċembru 2013 (2013/C 376/06).

12. Fir-rigward tal-użu ta' sistema tal-IT ċentralizzata jew deċentralizzata, jidher li l-preferenza tal-maġġoranza tad-delegazzjonijiet hija l-approċċ deċentralizzat. Kif intqal qabel, dan l-approċċ deċentralizzat jirrispetta s-sistemi tal-IT nazzjonali eżistenti u jillimita l-impatt fuq is-soluzzjonijiet nazzjonali tal-IT peress li jippermetti interkonnessjoni bla xkiel ma' sistemi bħal dawn. Madankollu, dan jimplika spejjeż pjuttost oġhla għall-Istati Membri. Fil-fatt, daww id-delegazzjonijiet li jippromwovu approċċ ċentralizzat enfasizzaw prinċipalment bħala vantaġġ li l-ispejjeż jiġġarbu mill-baġit tal-UE, u mhux mill-baġits nazzjonali.
13. Fir-rigward tal-użu ta' soluzzjoni tal-IT eżistenti jew l-istabbiliment ta' waħda ġdida, il-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet jidhru wkoll li huma maqsuma. Waħda mis-soluzzjonijiet eżistenti hija e-CODEX, sistema żviluppata b'appoġġ finanzjarju mill-UE minn konsorzju ta' Stati Membri fuq perijodu ta' kważi għaxar snin. Bħalissa e-CODEX tintuża għal dan li ġej: is-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS)⁹; l-interkonnessjoni tar-reġistri nazzjonali ta' insolvenza¹⁰; is-sistema ta' tal-Iskambju Diġitali ta' Evidenza Elettronika¹¹. Madankollu, fir-rigward tal-każijiet ibbażati fuq il-kooperazzjoni volontarja, e-CODEX għadha ma ġietx implimentata u użata mill-Istati Membri kollha. F'dan il-kuntest, matul id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma, għall-Istati Membri fejn bħalissa ma hemmx sistemi tal-IT li jappoġġaw proċeduri elettroniċi, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra l-iżvilupp ta' soluzzjoni ta' implimentazzjoni ta' referenza għal sistema back-end fil-livell nazzjonali, sakemm ikun hemm appoġġ b'saħħtu u wiesa' biżżejjed mid-delegazzjonijiet għal komunikazzjoni elettronika obbligatorja. Is-sistemi kollha jkollhom ikunu teknikament interoperabbli u konformi mal-istess sett ta' speċifikazzjonijiet tekniċi (protokolli, standards, skemi XML u flussi tax-xogħol).

⁹ Stabbilita bid-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpanniji.

¹⁰ Stabbilita bir-Regolament (UE) 2015/848 dwar proċedimenti ta' insolvenza.

¹¹ Stabbilita bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonossiment reċiproku bit-tisħiħ tal-fiducia reċiproka.

14. Fir-rigward tal-ispejjeż assoċjati mal-istabbiliment u l-użu ta' sistema tal-IT, il-Valutazzjonijiet tal-Impatt tal-Kummissjoni jsemmu, bħala medji indikattivi tal-istimi tal-ispejjeż, EUR 15.000 għall-użu ta' e-CODEX fil-livell nazzjonali u bejn EUR 20.000 u EUR 50.000 għall-iżvilupp ta' sistema ċentrali back-end nazzjonali. Għandu jiġi nnutat li fil-qafas tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali, il-Kummissjoni pprovdiet finanzjament immirat lejn id-diġitalizzazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja u l-kooperazzjoni ġudizzjarja kemm taħt il-Programm tal-Ġustizzja kif ukoll il-programm Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE). Madankollu, xi Stati Membri għamlu l-istimi tagħhom stess dwar l-ispejjeż u waslu għall-konklużjoni preliminari li dawn l-ispejjeż ikunu oġġla mill-istimi tal-Kummissjoni. Jidher li ser tkun meħtieġa analiżi ulterjuri dwar l-ispejjeż sabiex ċerti delegazzjonijiet ikunu jistgħu jifhmu aħjar l-implikazzjonijiet taż-żewġ reviżjonijiet proposti fuq is-sistemi nazzjonali tagħhom.

III. DIBATTITU TA' ORJENTAZZJONI

15. Fid-dawl tad-diskussjonijiet li saru fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma, kompromessi possibbli dwar l-aspetti komuni tad-diġitalizzazzjoni taż-żewġ proposti ser jiddependu fuq l-iżvilupp ulterjuri tagħhom. Iż-żamma tal-użu obligatorju ta' sistema tal-IT tista' tiġi kkunsidrata jekk dan isir fil-kuntest ta' perijodu ta' transizzjoni itwal sabiex l-użu jkun obligatorju u jekk ikunu permessi eżenzjonijiet (li għandhom jiġu identifikati) li jagħtu lok għal notifika ta' dokumenti u kumpilazzjoni ta' xhieda tradizzjonali bbażati fuq il-karta stampata. Dan għandu jsir flimkien ma' ħidma ulterjuri li għandha l-għan li tidentifika l-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri. Użu mhux obligatorju ta' sistema tal-IT jista' jiġi kkunsidrat ukoll. Madankollu, dan għandu jiġi vvalutat mill-perspettiva tal-valur miżjud tar-reviżjoni taż-żewġ Regolamenti u l-implikazzjonijiet prattiċi tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet stipulati fil-paragrafi 11 u 13.

16. Sabiex isir aktar progress f'dawn iż-żewġ fajls, il-Preżidenza tqis li hemm bżonn ta' diskussjoni fil-livell ministerjali dwar l-aspetti tad-diġitalizzazzjoni, peress li dawn għandhom rwol importanti fiż-żewġ proposti. Huwa importanti li jitqies il-fatt li l-għadd ta' każijiet transfruntiera żdied u li ser ikompli jiżdied minħabba l-għadd dejjem jikber ta' transazzjonijiet transfruntiera u ż-żieda fl-għadd ta' strumenti leġislattivi fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali. F'dan il-kuntest, l-użu ta' teknoloġiji moderni jista' jikkontribwixxi biex jiġi żgurat li l-proċedimenti transfruntiera jsiru aktar malajr u b'inqas spejjeż.
17. Ir-riżultati ta' din id-diskussjoni, ibbażati fuq il-prinċipju li *mhu miftiehem xejn sakemm ikun miftiehem kollox*, għandhom jiggwidaw il-ħidma ulterjuri fuq il-proposti.
18. F'dan l-isfond u bil-fehim li hija meħtieġa analiżi ulterjuri dwar l-istima tal-ispejjeż, il-Preżidenza tistieden lill-Kunsill biex ikollu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:
- a) Id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-kuntest tan-Notifika ta' Dokumenti/il-Kompilazzjoni ta' Xhieda għandha tkun ibbażata fuq sistema tal-IT deċentralizzata sigura li tinkludi sistemi tal-IT nazzjonali interkonnessi?
 - b) L-introduzzjoni u l-użu ta' din is-sistema tal-IT għandhom ikunu obbligatori għall-Istati Membri, b'perijodu ta' transizzjoni itwal u soġġetti għad-disponibbiltà ta' sistema back-end ta' implimentazzjoni ta' referenza li għandha tiġi pprovduta mill-Kummissjoni? Jekk l-użu għandu jkun obbligatorju, sa liema punt u taħt liema ċirkostanzi għandhom ikunu permessi mezzi oħra ta' komunikazzjoni?
 - c) e-CODEX għandha tkun is-soluzzjoni tas-software li tintuża għas-sistema tal-IT deċentralizzata?